

- 2) Ir-risposta għall-ewwel domanda tkun differenti jekk l-Istat li fih il-ħaddiem telaq jirresjedi u jaħdem tul is-sena finanzjarja ma jkunx Stat Membru tal-Unjoni Ewropea?
-

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hof van Beroep te Gent (il-Pajjiżi l-Baxxi) fis-16 ta' Jannar 2014 – Property Development Company NV vs Belgische Staat

(Kawża C-16/14)

(2014/C 102/20)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Hof van Beroep te Gent

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Property Development Company NV

Konvenut: Belgische Staat

Domanda preliminari

L-interessi fuq kapital misluf li, skont l-Artikolu 35(4) tar-Raba' Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE, tal-25 ta' Lulju 1978 ⁽¹⁾, jistgħu jiġu inklużi fl-ispejjeż ta' produzzjoni sa fejn jikkonċernaw il-perijodu ta' produzzjoni, jagħmlu parti mill-bażi taxxabbi għal applikazzjoni għal użu privat fis-sens tal-Artikolu 5(6) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977 ⁽²⁾, jiġifieri mill-“prezz ta’ kemm jiġi [tal-ispiżja]” imsemmi fl-Artikolu 11A(1)(b) tas-Sitt Direttiva u/jew mill-ispejjeż incidentalni msemmija fl-Artikolu 11A(2) tal-istess direttiva?

⁽¹⁾ Ir-Raba' Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE, tal-25 ta' Lulju 1978, ibbażata fuq l-Artikolu 54(3)(g) tat-Trattat dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpanniji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitulu 17, Vol. 1, p. 21).

⁽²⁾ Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitulu 9, Vol. 1, p. 23).

Appell ippreżzentat fil-21 ta' Jannar 2014 mill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) fit-8 ta' Novembru 2013 fil-Kawża T-536/10, Kessel Marketing & Vertriebs GmbH vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

(Kawża C-31/14 P)

(2014/C 102/21)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Appellant: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Walicka, aġġent)

Partijiet oħra fil-proċedura: Kessel Marketing & Vertriebs GmbH, Janssen-Cilag GmbH

Talbiet tal-appellant

— tannulla s-sentenza appellata;